**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors numru : 69/2016 AL

AB

Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit-tnejn u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa` mija u tlieta u disghin (22/05/1993), kopja tac-certifikat taz-zwieg qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal;
2. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Timothy Ellis datat tmintax ta' Marzu tal-elfejn u tmienja (18/03/2008) li gie awtorizzat mill-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi. Kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni qed jigi hawn anness u mmmarkat bhala Dok. B.

3. Illi ma hemm l-ebda tama ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi barra li ilhom aktar minn erba` snin legalment separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xuxlin;

4. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar il-manteniment u fil-fatt il-manteniment jithallas regolarment;

5. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabiliti mil-ligi biex jinghataw divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
3. Tawtorizza lill-esponenti tirriverti ghal kunjom xbubietha cioe` Rizzo;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar, 2016;

Semghet lill-imputat prezenti fl-awla jiddikjara li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti talbet sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha cioe' Rizzo u il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu il-provvedimenti opportuni f'dan ir-rigward;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit- 18 ta' Marzu 2008;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.